MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 350/2002/1

**Dr. Marcello Basile Cherubino bhala kontributorju tas-socjeta' kummercjali Cherubino International Limited**

**vs**

**Cherubino International Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat minn Dr. Marcello Basile Cherubino fis-26 ta' Marzu, 2002, li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' Cherubino International Limited giet inkorporata fl-ghoxrin 20 ta' Lulju tas-sena 1998 b'kapital awtorizzat u azzjonarju ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000), kollha mhallsa u dan kif jirrizulta ahjar minn-kopja vera u awtentikata tal-*"Memorandum and Articles of Association"*

tas-socjeta' intimata anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala *"Dok MBC1"*;

Ir-rikorrent huwa wiehed miz-zewg azzjonisti fis-socjeta' intimata u huwa proprjetarju ta' elf (1,000) sehem Ordinarju ta' Lira Maltija (Lm1) kull wiehed fl-istess socjeta' intimata;

Ir-rikorrent huwa wkoll wiehed miz-zewg diretturi tas-socjeta' intimata;

Ir-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrent u l-azzjonist l-iehor tas-socjeta' intimata, Simon Camilleri, iddeterjorat tant illi sar prattikament impossibli illi dawn jitkellmu u jikkomunikaw bejniethom u hemm stat ta' animosita' kbira bejniethom;

Bhala rizultat ta' dan hemm *"deadlock"* totali fil-gestjoni ta' l-affarijiet tal-kumpanija li jaghmilha mpossibli ghas-socjeta' intimata li topera;

Dan wassal f'sitwazzjoni fejn in-negozju tas-socjeta' intimata ilu sospiz ghal perjodu bla waqfien ta' aktar minn tnax il-xahar –iktar precizament **ma sar ebda forma ta' negozju mis-socjeta' intimata minn meta giet ffurmata sal-gurnata tal-lum** u dan kif jirrizulta ahjar minn affidavit tas-Sur Christopher Baldacchino C.P.A.A. li fix-xoghol tieghu jiehu jsieb l-investimenti kollha tar-rikorrent fid-diversi socjetajiet f'Malta li fihom ir-rikorrent ghandu nteress, fosthom is-socjeta' intimata (Dok MBC 2);

*Inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata qatt ma onorat l-obbligi imposti fuqha mill-Ligi tal-Kumpaniji [Att XXV ta' l-1995] u mill-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dhul [Kap. 123 tal-Ligijiet ta' Malta] u dan qed iwassal – u f'hafna kazijiet gia wassal – f'sitwazzjoni assurda u bla sens fejn socjeta' li qatt ma ghamlet negozju ghandha taghti somom lir-Registratur tas-Socjetajiet (Dok MBC 3) u lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni bhala penali u multi semplicement minhabba id-*"deadlock"* ezistenti fis-socjeta' intimata;

Bhala l-ahhar tentattiv sabiex forsi jigu solvuti l-kwistjonijiet bejn l-azzjonisti, ir-rikorrent kien ghajjat laqgha generali straordinarja ta' l-azzjonisti fil-5 ta' Dicembru, 2001 bl-ghan illi jsir ftehim dwar il-multi kollha pendenti, sabiex dawn jithallsu, sabiex is-socjeta' intimata titqieghed fi stralc volontarju, jigi appuntat stralcjarju u l-awdituri ta' l-istralc. F'din il-laqgha – li incidentalment kienet l-unika laqgha li qatt saret – l-azzjonist l-iehor Simon Camilleri li, bhar-rikorrent, kien rapprezentat f'din il-laqgha mill-avukat tal-fiducja tieghu, informa lir-rikorrent li huwa ma kienx bi hsiebu jxolji s-socjeta' intimata ghar-ragunijiet personali tieghu;

Permezz ta' ittra datata 6 ta' Dicembru, 2001 (Dok MBC 4), ir-rikorrent rega' talab lill-azzjonist l-iehor sabiex jerga' jikkonsidra d-decizjoni tieghu u jqieghed is-socjeta' intimata fi stralc volontarju *stante* illi *"inter alia"*, qatt ma sar negozju bil-kumpanija, izda *nonostante* li kien inghata terminu sa' l-20 ta' Dicembru, 2001 ghar-risposta tieghu, l-azzjonist l-iehor Simon Camilleri, baqa' sallum inadempjenti.

Fil-5 ta' Marzu, 2002, ir-rikorrent ircieva ittra registrata mir-Registratur tas-Socjetajiet (Dok MBC 5) fejn talbu jhallas is-somma ta' Lm312.60 fi zmien ghoxrin (20) gurnata u fin-nuqqas ir-rikorrent gie avzat li kienu sejrin jibdew proceduri fil-konfront tieghu.

Premess is-suespost, fil-fehma tar-rikorrent jezistu ragunijiet validi *ai termini* ta' ligi ghalfejn, anke <u>fl-ahjar interess tal-kumpanija stess</u>, din il-Qorti ghandha tordna l-istralc taghha;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent qieghed bir-rispett *ai termini* ta' l-Artikolu 218(1)(b) u (c) ta' l-Att XXV ta' l-1995, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. *A tenur* ta' l-Artikolu 214(2)(a)(i) ta' l-Att XXV ta' l-1995, tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta' intimata u taghti dawk il-provvedimenti opportuni fic-cirkostanzi,

inkluz, jekk jinhass necessarju, il-hatra ta' amministratur provvizorju *ai termini* ta' l-Artikolu 228 ta' l-Att XXV ta' l-1995; u/jew

2. *A tenur* ta' l-Artikolu 214(2)(b)(iii) ta' l-Att XXV ta' l-1995 tordna x-xoljiment tas-socjeta' intimata u taghti dawk il-provvedimenti opportuni fic-cirkostanzi inkluz, jekk jinhass necessarju, il-hatra ta' amministratur provvizorju *ai termini* ta' l-Artikolu 228 ta' l-Att XXV ta' l-1995;

Rat ir-risposta ipprezentata minn Simon Camilleri fil-kwalita' tieghu ta' kontributorju tas-socjeta' kummercjali Cherubino International Ltd, li *in forza* taghha eccepixxa illi;

Ir-rikors li sar minn Dr. Marcello Basile huwa sinifikanti mhux ghal dak li jghid imma ghal dak li ma jghidx.

Is-socjeta' *in kwistjoni* twaqqfet bejn l-azzjonisti bi skop u ghal-raguni wahda biss. Din ir-raguni kienet l-intenzjoni tal-azzjonisti li jiffurmaw socjeta' bl-iskop illi jidher fl-ewwel artikolu tal-*Objects Clause* tal-istess socjeta.

Dan *cioe'* illi bejniethom is-socji, *tramite* s-socjeta' Cherubino International Ltd, jaghmlu n-negozju kemm indikati f'kull parti tal-Afrika ta' Fuq u f'pajjizi ohra.

Jinghad illi l-esponent ghandu esperjenza twila (almenu 10 snin) f'dan il-qasam u ghandu kuntatti rilevanti fl-Afrika ta' Fuq partikolarment fil-Libja u tali esperjenza kienet ta' valur kbir ghan-negozju li s-socjeta' kellha taghmel.

Huwa importanti li jigi rilevat illi kien l-esponent illi hajjar lill-Marcello Basile biex l-*tenders* fil-Libja dwar prodotti medicinali u taghmir mediku jibdew isiru miz-zewg partijiet u ghalhekk twaqqfet din is-socjeta'.

Irrizulta *pero'* illi mill-ewwel Marcello Basile beda jimmina l-agir u l-operat tal-istess socjeta'. Meta l-partijiet ftehmu li s-socjeta' timpjega persuna fil-Libja biex ikun hemm rapprezentant fil-post, l-intenzjoni kienet illi certu Khaled Yassine jigi ngaggjat mill-istess socjeta'. Gara *pero'* li *ad*

*insaputa* u wara dahar l-esponent, dan Yassine gie mpjegat mas-socjeta' Cherubino Ltd (socjeta' ta' Marcello Basile) u mhux ma Cherubino International Ltd.

Dan sar frawdolentement mill-istess Marcello Basile wara li l-esponent u persuni mpjegati mieghu kienu ghallmu lill-Yassine u pprovdewlu id-dokumenti kollha rilevanti biex jadempixxi l-inkarigu tieghu.

Tali agir naturalment ikkaguna danni serji lill-istess esponent u lis-socjeta' Cherubino International Ltd.

Illi effettivament is-socjeta' Cherubino International Ltd kellha tkun il-veikolu li jintuza biex ix-xoghol li kellu l-esponent, u *cioe'* l-kuntratti bejn il-principali tieghu fl-Ewropa (socjetajiet serjissimi bhal Bio-Merieux u Pasteur Merieux ta' Franza) mal-Libja isiru *tramite* din is-socjeta'.

Ghal kull buon fini ssir riferenza ghal kawza numru 1189/99X1 fl-ismijiet Camilleri Simon et vs Basile Cherubino Marcello et, pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u differita ghad-9 ta' Mejju, 2002.

Illi konvenjement il-fatti fuq esposti ma jsibux lok fir-rikors tal-istess Basile. Jinghad biss illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet lahqu *deadlock* – kif wiehed jista' jimmagina.

*Pero'* s-socjeta' Cherubino International Ltd ghandha pretensjoni serja kontra Marcello Basile li fil-vesti tieghu ta' Direttur u azzjonista hadem kontra l-interessi tal-istess socjeta' u kkagunalha danni ingenti. Id-dhul ta' kummissjonijiet u l-proventi mix-xoghol li kellha taghmel l-istess socjeta' ma hadithomx is-socjeta' izda l-istess Marcello Basile.

Illu huwa evidenti illi l-esponent ma jistax wahdu jagixxi ghan-nom tal-istess socjeta' kontra wiehed mill-azzjonisti u Diretturi u dan biex jippreserva d-drittijiet tal-istess socjeta'

Ghalhekk l-esponenti ma jaqbilx illi din is-socjeta' tigi xolta meta ghandha tali pretensjonijiet.

L-esponent jitlob anzi illi din il-Qorti tiehu dawk il-misuri kollha li l-ligi tipprovdi biex jigu tutelati l-interessi tal-istess socjeta' inkluz illi din tigi awtorizzata li tiehu azzjoni gudizzjarja kontra l-istess Marcello Basile u/jew kontra s-socjeta' Cherubino Ltd biex tittutela d-drittijiet taghha.

Rat li s-socjeta' intimata naqset li tipprezenta risposta;

Rat id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru, 2002, li *in forza* taghha, *a tenur* tal-artikolu 228 tal-Att Dwar il-Kumpaniji, hatret lis-Sur John Bonnici bhala amministratur provvizorju tas-socjeta' Cherubino International Limited sabiex jassigura li l-kumpanija tottempra ruhha mal-ligi billi tonera dawk l-obbligi imposti fuqha bil-ligi, jaghmel dak kollu mehtieg biex il-kumpanija zzomm ruhha konformi mal-ligi, jassigura u jigbor il-kreditu tal-kumpanija, u jressaq ghall-konsiderazzjoni ta' dawn il-Qrati, b'*istanza ad hoc* fl-interess tal-kumpanija, kull kwistjoni li tigi sottomessa lilu u li hu ma jikkonsidrax li tkun kompletament frivola jew vessatorja;

Rat ir-rapport tal-ammistrazzjoni tieghu ipprezentat mill-Amministratur fil-25 ta' Novembru, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi, b'dawn il-proceduri, wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta' Cherubino International Limited qed jitlob li din il-kumpanija tigi xolta u eventwalment stralcjata peress illi, fil-fehma tieghu, in-negozju tal-kumpanija huwa sospiz ghall-perjodu bla waqfien ta' tnax-il xahar, u ghax, f'kull kaz, hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija. Jidher, fil-fatt, li din il-kumpanija ilha li waqfet li tinnegozja aktar minn sena u bejn l-azzjonisti ma jidhirx li hemm affidament biex il-kumpanija tkun tista' titkompla titmexxa.

Jirrizulta, *inoltre*, li minn mindu l-kumpanija giet formata fl-20 ta' Lulju, 1993, qatt ma ntbaghtu l-*annual returns* jew l-*audited accounts* tas-socjeta, b'mod li l-istess kumpanija inkorriet diga' diversi penali. Jirrizulta wkoll li l-kumpanija qatt ma kienet baghtet ir-*returns* tat-taxxa jew hallset taxxa provizorja, b'mod li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien hareg stimi ta' taxxa. L-Amministratur sab flus biex ihallas il-penalitajiet inkorsi fil-konfront tar-Registratur tal-Kumpaniji, u anke hallas parti mill-flus dovuti lis-Sur Charles Scerri, ghall-*audited accounts* ippreparati minn fuq istanza tal-Amministratur, *pero'* , ma kellux assi bizzejjed biex ihallas il-bilanc dovut u lanqas biex ihallas it-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; l-ammont dovut ghat-taxxa tela' ghal madwar Lm1,000. Fil-waqt li l-Amministratur kien isib kooperazzjoni mir-rikorrent, li anke baghtlu xi flus, mill-azzjonist l-iehor, is-Sur Simon Camilleri, huwa baqa' ma ircieva xejn. Jidher ukoll mill-atti li din il-kumpanija qatt ma innegozjat u lanqas ma hemm hsieb li tinnegozja, tant li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irrimarka li l-kumpanija ma tistax tigi registrata ghal-fini tal-VAT.

Mill-premess isegwi li din il-kumpanija, fil-fatt, qatt ma innegozjat u *kwindi* ilha zgur aktar minn sena ma topera, m'ghandhiex assi biex thallas id-djun taghha, u li bejn l-unici zewg azjonisti u diretturi, hemm *deadlock* li ma jidhirx li jista' jinhall, u, ghalhekk, jezistu l-elementi rikjesti fl-artikolu 214(2)(a)(i) u (ii) u 214(2)(b)(iii) biex il-Qorti tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralc tal-kumpanija intimata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u xxolji l-kumpanija Cherubino International Limited (numru ta' Registrazzjoni C23256) b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors, (b'dan li l-hlasijiet li saru mill-u lill-Amministratur wara dik id-data m'ghandhomx jitqiesu nulli) u tordna li l-istess kumpanija tigi stralcjata, u tahtar bhala stralcjarju lis-Sur Anthony Valvo C.P.A. (ta' *"Seaview"*, Triq il-Qaccawiet, Xghajra), u taghtih il-poteri kollha tal-ligi, partikolarment dawk kontemplati fl-artikoli 238 u 239 tal-Att Dwar il-Kumpaniji,

liema setghat jistghu jigu minnu ezercitati minghajr il-permess tal-Qorti.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni ghandhom jithallsu, nofs kull wiehed, minn Simon Camilleri, u mis-socjeta' Cherubino International Ltd.

Il-Qorti tordna wkoll li, *a tenur* tal-artikolu 224(i) tal-Att XXV tal-1995, kopja ta' din l-ordni ghandha minnufih tintbaghat mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur tal-Kumpanniji.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------